**15 ta' Diċembru, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino, B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

*Accountant General*

*versus*

Jonathan Gambin *noe*

**Att XXII ta' l-1990 - Att dwar it-Taxxa fuq l-Infiq dwar Oġġetti u Servizzi - Taxxa fuq l-Infiq - Prova Dokumentarja - Ammissibilità Dwar - Kontestazzjoni dwar - Dritt Fondamentali li Persuna ma Tesponiex Ruħha għal Proċeduri Kriminali**

*Appell minn sentenza ta' l-allura Qorti tal-Kummerċ li kkundannat il-konvenut iħallas taxxa lill-*Accountant General.

*Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi li kieku l-konvenut ried jikkontesta l-prova dokumentarja, dan messu sar quddiem l-Ewwel Qorti; l-istess ikkonkludiet dwar l-aggravju tal-konvenut li l-Ewwel Qorti skartat id-dritt fondamentali tal-konvenut li ma jesponiex ruħu għal proċeduri kriminali. Miċħud ukoll aggravju dwar l-imgħaxijiet.*

*Ġiet għalhekk konfermata s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

L-attur aġixxa kontra l-konvenut bil-preżenti azzjoni:

"Il-konvenut *nomine* jiġġestixxi r-ristorant magħruf bħala Baruffa Restaurant li jinsab f'27/1, Triq il-Balal, Paceville, kif ukoll it-Terazzin Restaurant, ta' 28, 32, 36, Vjal Paceville, Paceville;

Illi l-istess konvenut *nomine*, skond l-Att XXII ta' l-1990 dwar it-Taxxa fuq l-Infiq dwar oġġetti u servizzi kellu jħallas lill-attur is-somma ta' tmintax-il elf, mitejn u għaxar liri Maltin

u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm18,210.75) u dan somma li l-istess konvenut *nomine* ġabar jew kellu jiġbor bħala Taxxa fuq l-Infiq skond l-istess Att;

Illi l-istess konvenut *nomine* baqa' inadempjenti nonostante li ġie interpellat b'ittra uffiċjali (dokument A) datata 21 ta' Lulju, 1992;

Illi l-istess konvenut *nomine* naqas ukoll li jikkontesta l-istess ammonti b'appelli skond l-istess Att XXII ta' l-1990;

Talab li din il-Qorti:

Issib il-konvenut *nomine* responsabbli għall-ħlas tas-somma fuq imsemmija fl-ammont ta' tmintax-il elf, mitejn u għaxar liri Maltin u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm18,210.75) bħala taxxa fuq l-infiq dovuta minnu lill-istess atturi;

*Tikkundanna l-konvenut nomine jħallas is-somma fuq* imsemmija;

Tikkundanna l-konvenut *nomine* jħallas l-imgħaxijiet dovuti fuq l-istess ammonti";

Il-konvenut hekk eċċepixxa:

"Fl-ewwel lok l-ammont mitlub mill-attur *nomine* mhuwiex dovut kif jista' jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-premess l-attur ma jistax jitlob ħlas ta' interessi aktar mir-rata stabbilita mil-liġi bħala prinċipju ta' ordni pubbliku";

Il-Qorti tal-Kummerċ b'sentenza tat-23 ta' Ġunju, 1995, iddeċidiet billi rrespinġiet bħala nfondati l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* u laqgħet it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut *nomine*;

Il-Qorti tal-Kummerċ hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Minn eżami tal-provi prodotti mill-attur, senjatament l-affidavit ta' James Farrugia (I.D. 651545 (M) maħluf fil-15 ta' Ġunju, 1994 u esebit a fol. 69 sa 72, kif ukoll id-dokumenti li għalihom saret referenza mix-xhud James Farrugia, it-talbiet attriċi jirriżultaw ippruvati. Il-konvenut ma ressaq ebda prova biex jikkontradiċi l-provi prodotti mill-attur. Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut mhix sostanzjata. It-tieni eċċezzjoni lanqas mhi legalment fondata peress li l-imgħax mitlub huwa skond il-liġi. Aktarx li l-konvenut qed jirreferixxi għall-imgħax imsemmi fl-ittra uffiċjali tal-21 ta' Lulju, 1992 (dokument A) fol. 5 ta' 1% kuljum. Din ir-rata ta' imgħax tirriżulta mill-artikolu 5 subartikolu (7) ta' l-Att ta' l-1990 dwar Taxxa fuq l-Infiq (Att XXII ta' l-1990) u konsegwentement hija stabbilita mil-liġi, kuntrarjament għal dak li qed jeċċepixxi l-konvenut *nomine*";

Il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti ser isegwu l-aggravji sollevati mill-appellant *nomine* fir-rikors ta' l-appell tiegħu:

L-appellant jissottometti illi l-provi prodotti mill-attur ma kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-liġi biex jiġu kwalifikati bħala prova valida u ammissibbli. Hu jattakka s-sostanza u l-forma ta' dawn il-provi, in kwantu jsostni li jew dawn jirreferu għal dokumenti li ma ġewx esebiti, jew li jekk ġew esebiti, ma kinux dawk oriġinali. L-appellant isostni li allura kull xorta ta' prova kellha tiġi skartata billi din ma kinitx tissodisfa l-grad ta' l-aħjar prova li trid il-liġi. Jissottometti li l-attur ma ppreżentax l-aħjar

prova kif kien obbligat li jagħmel *benche* kellu l-faċilitajiet kollha u l-awtorità biex jagħmel dan u anke fuq din il-konsiderazzjoni, t-talbiet attriċi kellhom jiġu respinti";

Din il-Qorti, però, ssib li l-aggravju ta' l-appellant, fir-rigward tal-kwalità tal-prova li pproduċa l-appellat u jekk din kinitx tissodisfa l-grad li trid il-liġi, hu għal kollox insostenibbli f'dan l-istadju. Kien obbligu tiegħu, jekk kellu xi oġġezzjoni *x'jagħmel fir-rigward, u jekk il*-prova prodotta *mill*-appellant ma kinitx ammissibbli fit-termini tal-liġi, jew ma kinitx ta' grad tali li tipprovdi sostenn għat-talba attriċi, li jqajjem tali eċċezzjoni a tempo debito quddiem il-Qorti ta' prim'istanza. Kien ikun każ għal kollox differenti li kieku l-appellant *issolleva tali oġġezzjoni* u *l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l*-prova prodotta kienet adegwata meta din fil-liġi setgħet ma kinitx. Fin-nuqqas ta' oppożizzjoni da parti ta' l-appellant fil-mument opportun, din il-Qorti ma tarax għaliex m'għandhiex tqis li l-provi prodotti u mhux kontestati kienu adegwati in sostenn tat-*talbiet attriċi* anke *għaliex l-Ewwel Qorti kkunsidrat li kienu* hekk sodisfaċenti. Il-konvenut appellant kellu kull dritt li jitlob u jesiġi li jiġu prodotti kemm l-oriġinal tad-dokumenti, li tagħhom ġew esebiti kopji fil-proċess, kif ukoll li jiġu esebiti dokumenti li għalihom l-attur allegatament għamel referenza fix-xhieda tiegħu u li ma ġewx bħala fatt esebiti. Minn dan kollu l-appellant ma għamel xejn quddiem l-Ewwel Qorti. Halla l-proċeduri mexjin bl-inqas interessament min-naħa tiegħu u ma jistax issa jilmenta li l-Ewwel Qorti ma messhiex straħet fuq it-tip ta' provi prodotti jew li dik il-Qorti kellha tassumi d-difiża tiegħu u tesiġi l-produzzjoni ta' prova dokumentarja meta hu stess deherlu dak iż-żmien li ma kellux jitlob li tiġi prodotta. Il-Qorti hi tenuta li tiddeċiedi l-meritu *iuxta allegata et probata* u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni tal-provi miġjuba quddiemha hi kellha tassumi li tali prova kienet valida, produċibbli u ammissibbli sakemm ma jkunx hemm *prima facie* raġuni għaliex tiddeċiedi diversament. Mhux kontestat li l-attur kien

bil-liġi intitolat li joħroġ *assessments ex officio* ta' taxxa li fil-konsiderazzjoni tiegħu, fid-dawl ta' l-elementi ta' prova għad-disposizzjoni tiegħu, kienet dovuta mill-appellant bħala *tax payer*. Dan l-eżerċizzju amministrattiv - diskrezzjonali - seta' jiġi mit-*tax payer* ikkontestat skond il-liġi u skond il-proċedura ben preċiża stabbilita għal dan il-fini, imma ma jistax ikun hemm dubbju li sakemm dan isir dawn l-*ex officio assessments* infushom kienu jikkostitwixxu prova tal-kontenut tagħhom mingħajr il-ħtieġa ta' referenza għal dokumenti korroborattivi li fuqhom l-attur ikun seta' jew ma setax, ibbaża d-deċiżjoni konsiderata tiegħu biex jiddetermina l-ammont, li fil-fehma tiegħu, kien pagabbli mit-*tax payer*. Il-Qorti ma ssegwix is-sottomissjoni ta' l-appellanti li kien jeħtieġ illi l-attur: "la darba l-liġi relattiva minnu invokata tikkontempla ġbir ta' taxxa fuq l-infiq, kellu jipprova li kien effettivament sar dak l-infiq li tiegħu kien qed tintalab l-imposta". Biżżejjed jingħad li l-istess konvenut eċċepixxa illi l-ammont mitlub mill-attur ma kienx effettivament dovut "kif jista' jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża". Kontestazzjoni din li, fiċ-ċirkostanzi, konsidrat in-nuqqas ta' oġġezzjoni skond il-liġi ta' l-*ex officio assessments* mill-appellant, kienet tisposta l-oneru tal-prova fuqu. Prova li bl-ebda mod ma ttanta jagħmel. In-nuqqas ta' interess ta' l-appellant hu assolut. Dan sal-punt li bl-inattività tiegħu ippreġudika ruħu irrimedjabbilment wara li ġie "ġentilment mitlub li a tenur tas-subartikolu 2 ta' l-artikolu 10 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Infiq iħallas l-ammont li l-attur *ex officio* kien iddeċida u dan anke wara li l-istess *tax payer* kien ġie infurmat bid-dritt tiegħu, jekk hu kien iħossu aggravat b'dik l-istima, li jressaq appell fiż-żmien stipulat quddiem il-Bord ta' l-Appelli bil-liġi stabbilit. Din il-Qorti tirrileva ukoll illi l-*Accountant General* ma llimitax ruħu li jistrieħ fuq l-*assessment ex officio* li hu għamel arbitrarjament bl-eżerċizzju ta' diskrezzjoni li l-liġi ttih, imma f'affidavit dettaljat minnu ppreżentat hu ta informazzjoni preċiża ta' kif wasal għal dak l-apprezzament tiegħu bbażat ukoll fuq dokumentazzjoni li għaliha hu għamel

referenza. Affidavit li l-konvenut appellant deherlu li ma kellu fl-ebda stadju jikkontesta, lanqas billi jippreżenta hu stess affidavit tiegħu kuntrarju li kien ikun jikkostitwixxi element ta' prova in kontradittorju nonostante li l-Ewwel Qorti tatu diversi drabi l-opportunità biex hekk jagħmel;

Aggravju ieħor ta' l-appellant hu li l-Ewwel Qorti skartat għal kollox id-dritt fondamentali tal-konvenut li ma jesponix ruħu għall-proċeduri kriminali u li ma jippreġudika bl-ebda mod l-andament tal-proċeduri kriminali li kienu għadhom għaddejjin kontra tiegħu. Dan ukoll hu ilment li ma jirriżulta bl-ebda mod sorrett mill-atti proċesswali. Biex din il-Qorti tindaga l-validità tiegħu mil-lat purament legali - anzi kif impostat fl-aggravju ukoll mil-lat kostituzzjonali - hu għal kollox meħtieġ li l-aggravju jkun ġie fl-ewwel lok sollevat quddiem l-Ewwel Qorti. Dan però mhux il-każ. Lanqas biss jirriżulta mill-provi jew mill-verbali li l-appellant kien qed ikun soġġett għal proċeduri kriminali fuq akkużi b'xi mod konnessi mal-meritu ta' din il-kawża. Fir-rigward ta' dan l-aggravju allura hu l-każ li din il-Qorti tapplika l-prinċipju *quo non et in actis non est in mundo*;

L-aħħar aggravju jirrigwarda t-talba għall-ħlas ta' interessi magħmula mill-attur li - skond l-appellant - hija ppreżentata b'termini ġeneriċi bla ma ġie speċifikat jekk kinux "interessi legali jew interessi kif imsemmija fl-Att XXII ta' l-1990". Interessanti li l-istess appellant jaċċetta illi l-attur semma' din ir-rata partikolari ta' imgħax fl-ittra uffiċjali li biha interpella lill-konvenut biex iħallas l-ammont minnu likwidat kif ukoll fil-mandat kawtelatorju minnu ppreżentata qabel ġiet intavolata din il-kawża. Din il-Qorti allura ma tifhimx kemm tista' tkun *fondata l-oġġezzjoni ta' l-appellant illi r-rata speċjali tal-ħlas ta'* interessi ma ġietx identifikata mill-attur fl-att taċ-ċitazzjoni meta hu ċar li ma seta' jkun hemm l-ebda dubbju dwar liema rata ta' imgħax kienet qed tiġi invokata mill-attur, una volta ma kienx hemm dubbju li l-azzjoni kienet qed tiġi istitwita fit-

*termini tad-disposizzjonijiet ta' l-Att XXII ta' l-1990 li* leġislattivament u espressament kienet tipprovdi għal rata ta' imgħax partikolari għal min jonqos li jħallas dak li jkun minnu dovut. Kif sewwa rrileva l-appellat fir-risposta tiegħu, l-allegazzjoni li l-ħlas ta' imgħax dovut lill-attur ta' 1% kuljum kienet tammonta għal użura kienet infondata stante li l-Att XXII ta' l-1990 "kien *lex specialis qua derogat priore*, stante li din hi *miżura fiskali li trid titħaddem strettament biex l-erarju* pubbliku ma jiġix ippreġudikat";

Mhux il-każ li wieħed jelabora oltre fuq dan l-aggravju. Biżżejjed però jingħad li l-użura hija veru materja ta' ordni pubbliku, però, tirrigwarda ammont li jista' jiġi mħallas fuq kapital misluf, u bl-ebda mod ma jista' dak l-istitut jiġi estiż biex ikopri l-pagament ta' taxxa bil-liġi espressament dovuta meta tali liġi timponi penali tax-xorta invokata mill-appellat bħala deterrent għall-evażjoni tal-ħlas tat-taxxa dovuta mill-kontribwent;

Għal dawn il-motivi l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.